

Rikorrenti fil-kawża T-347/18 R: Laboratoire Pareva (Saint-Martin-de-Crau) u Biotech3D Ltd & Co. KG (Gampern, l-Awstrija) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u S. Englebert, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lindenthal u K. Mifsud-Bonnici, aġġent)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/619 tal-20 ta' April 2018 li ma tapprovax il-PHMB (1415; 4.7) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi 1, 5 u 6 (ĠU 2018, L 102, p. 21) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/613 tal-20 ta' April 2018 li japprova l-PHMB (1415; 4.7) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodott 2 u 4 (ĠU 2018, L 102, p. 1), u, minn naħħa l-oħra, sabiex tadotta kull miżura provviżorja xierqa oħra.

Dispożittiv

- 1) Il-kawża T-337/18 R u T-347/18 R huma magħquda għall-finijiet ta' dan id-digriet.
- 2) It-talbiet għal miżuri provviżorji huma miċħuda.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2018 – Robert vs Conseil national de l'ordre des pharmaciens

(Kawża T-362/18 R)

(“*Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ċaħda tar-rikors prinċipali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2018/C 399/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Alain Robert (Le Mans, Franza) (rappreżentant: J.-M. Viala, avukat)

Konvenut: Conseil national de l'ordre des pharmaciens

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Conseil national de l'ordre des pharmaciens français tat-3 ta' Ottubru 2017, ivvalidata mill-Conseil d'État français b'sentenza tas-7 ta' Frar 2018, li timponi projbizzjoni kontra r-rikorrent milli jeżerċita l-farmaċċija għal sena.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji.
- 2) Alain Robert għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu.